Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,812, 30 ta' Settembru, 2011

Taqsima B

A.L. 392 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għad-Diploma in Journalism - Dip. Journalism - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Journalism – Dip. Journalism - taħt l-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod'ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Journalism - Dip. Journalism;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad-Diploma; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti jistgħu jiġu rreġistrati fil-Kors skont il-provvedimenti ta' dawn l-ordinamenti jekk ikunu eliġibbli għad-dħul fl-Università bħala studenti regolari skont ir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li qed japplikaw għad-dħul skont is-sottoparagrafu (a) (iii) tal-paragrafu (2) tar-regolament 2 tar-Regolamenti għad-Dħul huma mitluba li jkollhom minimu ta' sena esperjenza fil-ġurnaliżmu u għandhom fil-preżent ikunu qed jaħdmu ma' organizzazzjoni tal-pubblikazzjonijiet kif turi x-xhieda ta' min iħaddem.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sena akkademika ta' studju fuq bażi *full-time* jew sentejn fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kretti u li jinkludu taqsimiet studju sinnottiċi, pjazzament u esej twil.

(2) Il-Bord jippubblika l-programm tal-kors skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali u kif approvati mis-Senat, qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għat-tibdiliet li l-Bord jista' li jagħmel bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm tal-kors għad-Diploma.

L-Esej Twil

6. (1) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu Esej Twil ta' mhux anqas minn ħamest elef kelma u mhux aktar minn sebat elef kelma, sa mhux aktar tard mill-aħħar ġurnata tal-lekċers fl-aħħar semestru tal-Kors.

(2) L-istudenti li jeħlu mill-Esej Twil jistgħu jitħallew jerġgħu jissottomettuh darba fi żmien perijodu ta' sitt xhur.

Il-Pjazzament

7. (1) Il-Pjazzament għandu jiġi valutat fuq bażi ta' Għadda/ Weħel.

(2) L-istudenti li jeħlu fil-Pjazzament jitħallew jirrepetuh darba fi żmien perijodu ta' sitt xhur.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba.

(2) Ir-riżultat finali għandu jiġi mwieżen kif ġej:

It-Taqsimiet studju mgħallma, il-Pjazzament u l-Esej Twil	60%
It-Taqsimiet studju sinottiċi	40%.

(3) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

It-Tħassir

9. L-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Journalism, taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 13 tal-2005, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2011, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2011 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta daħlu fil-kors.